

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2013 — ZZ vs EEA

(Kawża F-71/13)

(2013/C 274/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis, D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva sabiex tistabbilixxi jew tippreċiża fatti ta' fastidju.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda kkontestata fl-20 ta' Settembru 2012 mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi l-kuntratti (iktar 'il quddiem "ASTK" għat-talba tiegħu li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva sabiex tistabbilixxi jew tippreċiża fastidju;
- jikkundanna lil EEA għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2013 — ZZ et vs FEI

(Kawża F-72/13)

(2013/C 274/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet li jinsabu fir-rendikonti tar-remunerazzjoni, li għar-rikorrenti japplikaw id-deċiżjoni tal-Bord tad-

Diretturi li tistabbilixxi żieda fis-salarju limitata għal 2.3 %, id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-FEI li tistabbilixxi skeda ġdida ta' mertu li twassal għal telf ta' 1 sa 2 % tas-salarju, skont ir-rikorrenti, u d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI li tiddefinixxi skeda ta' mertu li twassal għal telf ta' 1 sa 2 % tas-salarju, skont ir-rikorrenti kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba sussegwenti sabiex il-FEI jiġi kkundannat iħallas id-differenza fir-remunerazzjoni u l-ħlas ta' danni

Talbiet tar-rikorrenti

- Annulament tad-deċiżjonijiet li għar-rikorrenti japplikaw id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI, tal-4 ta' Frar 2013, li tistabbilixxi żieda fis-salarju limitata għal 2.3 %, id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-FEI li tistabbilixxi skeda ġdida ta' mertu li twassal għal telf ta' 1 sa 2 % tas-salarju, skont ir-rikorrenti, liema deċiżjonijiet joriġinaw mid-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI, tat-18 ta' Diċembru 2012, li tistabbilixxi żieda fis-salarju limitata għal 2.3 %, u d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI, tad-29 ta' Jannar 2013, li tiddefinixxi skeda ta' mertu li twassal għal telf ta' 1 sa 2 % tas-salarju, skont ir-rikorrenti (id-deċiżjonijiet tal-FEI imsemjati hawn fuq ġew żvelati mir-rendikonti tar-remunerazzjoni ta' April 2013), kif ukoll l-annulament, bl-istess mod, tad-deċiżjonijiet kollha tal-FEI li jinsabu fir-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti;
- jikkundanna lill-konvenut iħallas id-differenza fir-remunerazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjonijiet imsemjati hawn fuq tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI u tad-Direttur Ġenerali tal-FEI tal-4 ta' Frar 2013, tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-18 ta' Diċembru 2012 u tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI tad-29 ta' Jannar 2013 meta mqabbla mal-applikazzjoni tal-iskeda ta' mertu "4-3-2-1-0" u tal-iskeda "safra" "5-4-3-1-0", jew, sussidjarjament, għar-rikorrenti li ngħataw marka A, meta mqabbla mal-applikazzjoni tal-iskeda ta' mertu 3-2-1-0-0 u, għar-rikorrenti li jaqgħu taħt l-iskeda "safra", meta mqabbla ma' skeda safra "4-3-2-0-0"; din id-differenza ta' remunerazzjoni għandha tiżdied bl-interessi moratorji li jibdeu jgħoddu mill-15 ta' April 2013 u, sussegwentement, fil-15 ta' kull xahar, sal-ħlas totali, u dawn l-interessi jkunu ffixxati bir-rata tal-BĊE miżjuda bi 3 punti;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' danni minħabba d-dannu mġarrab bħala riżultat tat-telf tal-poter ta' akkwist, bi stima ta' dan id-dannu *ex aequo et bono*, u fuq bażi provviżorja, fl-ammont ta' 1.5 % tar-remunerazzjoni ta' kull xahar ta' kull rikorrent;
- fin-nuqqas li jipproduċihom spontanjament, talba lill-konvenut taħt il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura sabiex jipproduċi d-dokumenti li ġejjin:
 - id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI dwar l-allinjament tal-istatus ta' impjeg tal-membri tal-persunal tal-FEI tal-24 ta' Settembru 2001;

- id-deċiżjoni tal-FEI li torganizza l-“proċedura xierqa” skont id-deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI dwar l-allinjament tal-istatus ta’ impjeg tal-membri tal-persunal tal-FEI tal-24 ta’ Settembru 2001;
 - id-Deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI, bħala prinċipju tal-4 ta’ Frar 2013, li tistabbilixxi l-baġit għall-membri tal-persunal għall-2013;
 - id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-FEI li tistabbilixxi skeda ġdida ta’ mertu għall-2013;
 - il-minuti tal-laqqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI tat-18 ta’ Diċembru 2012;
 - il-minuti tal-laqqgħa tal-Kumitat ta’ Tmexxija tal-BEI tad-29 ta’ Jannar 2013;
 - in-nota tad-direttorat tal-membri tal-persunal tal-BEI “personnel/ASP/2013-5” tad-29 ta’ Jannar 2013;
 - il-Corporate Operational Plans 2013-2015 tal-BEI u tal-FEI.
- jikkundanna lill-FEI għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Lulju 2013 — ZZ vs BĊE

(Kawża F-73/13)

(2013/C 274/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-BĊE tat-28 ta’ Mejju 2013 li timponi tkeċċija dixxiplinarja lir-rikorrent u l-kumpens għadannu morali li soffra.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta’ Mejju 2013 li timponi tkeċċija dixxiplinarja b’effett mill-31 ta’ Awwissu 2013;
- bħala konsegwenza, jintegra mill-ġdid lir-rikorrent il-funzjonijiet tiegħu permezz ta’ reklamar xieraq sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid l-unur tiegħu;
- fi kwalunkwe każ, jikkumpensa d-dannu morali sostnut mir-rikorrent evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 20 000;
- tirrimborsa l-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fil-25 ta’ Lulju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-74/13)

(2013/C 274/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis, D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta’ trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul tiegħu fis-servizz fl-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (iktar ‘il quddiem “SPIUE”) b’mod konformi mal-kalkolu tal-akkreditazzjoni stabbilit skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implementazzjoni (iktar ‘il quddiem id-“DĠI”) tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta’ Marzu 2011;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.